# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Marzu 2020**

**Numru 20**
**Rikors numru 94/10 PC**

**Michael Mizzi, Sina Mizzi u Jacob Mizzi**

**v.**

**Martin u Doris konjuġi Debrincat**

## Preliminari

1. Dan huwa appell ad istanza tal-konvenuti il-konjuġi Martin u Doris Debrincat mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-14 ta' Ottubru 2014, li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-qorti biex tħassar u tirrevoka fl-interita` tagħha s-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħhom, u per konsegwenza tiċħad it-talbiet attriċi.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Rat ir-rikors ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi wara li ppremettew:

1. "Illi permezz ta' rikors ġuramentat numru 145/2006 PC fl-ismijiet "Giuseppe Mizzi vs Martin Debrincat", Giuseppe Mizzi ħarrek lill-imsemmi Martin Debrincat fejn talab lil Qorti tiddikjara l-att tal-bejgħ li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon tat-3 ta' April 2005, institwat fit-13 ta' Lulju 2005 (insinwa numru 1371/05) bħala null u inesistenti u għalhekk mingħajr ebda effett fil-Liġi billi in effetti l-esponenti qatt ma resaq għal dak il-kuntrat u għalhekk dak l-istess att huwa nieqes mill-elementi essenzjali ta' kull kutnratt u ċioe' l-kunsens u l-kawża; tordna r-revoka u rexxissjoni tal-kuntratti u tagħti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni skont il-każ sabiex it-tħassir tal-istess kuntratt ikollu effett anke fil-konfront ta' terzi;

2. "Illi fil-mori tal-istess kawża u ċioe' fl-10 ta' Lulju 2009 miet f'Victoria Għawdex l-attur Giuseppe Mizzi u permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech tal-31 ta' Mejju 2008 istitwixxa bħala eredi univesali tiegħu lir-rikorrenti Michael Mizzi, Sina Mizzi u Jacob Mizzi u infatti l-istess ġudizzju fl-imsemmija kawża ġie trasfuż fl-istess Michael Mizzi, Sina Mizzi u Jacob Mizzi. Illi fil-mori tal-istess kawża l-konvenut Martin Debrincat u ċioe' fid-29 ta' Ottubru 2009, esebixxa affidavit allegatament magħmul mill-mejjet Joseph Mizzi (Dok. A) fejn allegatament iddikjara li huwa ried jirtira u jċedi l-kawża istitwita kontra l-istess Martin Debrincat;

3. "Illi fl-istess waqt l-istess Martin Debrincat ippreżenta eċċezzjoni ulterjuri dwar in-nuqqas ġuridiku tal-atturi f'dik il-kawża;

4. "Illi l-esponenti jixtiequ jimpunjaw dawk l-affidavit, ħaġa li ma setgħux jagħmlu fl-imsemmija kawża u li proċeduralment lanqast setgħu jagħmlu stante li l-kawża tiġi deċiża a bażi tat-talbiet li ma jinbidlux tul il-perkors tal-imsemmija kawża.

"Talbu lil din il-Qorti:

1. "Tiddikjara u tiddeċidi li l-affidavit datatat 10 ta' Ġunju 2009 allegatament magħmul minn Joseph Mizzi huwa inveritier għaliex ma jirriflettix il-volonta' tal-istess Joseph Mizzi, u dana peress li ġie prokurat permezz ta' raġġiri, qerq, biża', theddid u mezzi llegali oħra skont ma jiġi dettaljatament ippruvat waqt il-mori ta' dina l-kawża, oltre l-fatt li l-istess Joseph Mizzi ma kienx fil-posizzjoni li jagħmel tali affidavit.

"Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.

"Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut fejn eċċepixxa:

1. “Illi fl-ewwel lok l-atturi ma setgħu qatt jipproċedu b’din il-kawża stante li l-kwistjoni sollevata hija anċillari għall-kwistjoni li qed tiġi fil-preżent eżaminata minn din il-Qorti kif preseduta fil-kawża rikors ġuramentat numru 145/2006 fl-ismijiet Giuseppe Mizzi et vs Martin Debrincat, liema kawża għadha pendenti;

2. “Illi l-kawża odjerna m’hi xejn għajr attentat tal-atturi biex b’xi mod jintentaw iduru mal-fatt li huma kellhom it-talba tagħhom fir-rikors tat-22 ta’ Settembru 2010 preżentat minnhom fil-kawża 145/2006 miċħud bid-digriet datat sebgħa (7) ta’ Ottubru, u dan kif sejjer jiġi spjegat fid-dettal f’din ir-risposta ġuramentata u fil-kors tas-smigħ tal-kawża. Jekk *se mai* l-atturi ħassew ruħhom aggravati bid-digriet tas-7 ta’ Ottubru 2010 l-uniku rimedju mogħti lilhom bil-liġi kein dak fit-termini tal-artikolu 229 (3) tal-Kap. 12 ċioe’ li jitolbu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex jappellaw mid-digriet interlokutorju u jipproċedu bl-appell relattiv quddiem il-Qorti tal-Appell. Jekk huma għażlu, għal raġunijiet magħrufa lilhom biss, illi ma jutilizżawx dak id-dritt mhux mogħti lilhom id-dritt li jintavolaw kawża ġdida;

3. “Illi mingħajr preġudizzju għall-premess fil-meritu t-talbiet tal-atturi huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante li l-affidavit magħmul minn Joseph Mizzi kien riżultat tal-volonta’ libera u espressa tiegħu u mhux minnu li tali affidavit ġie prokurat permezz ta’ raġġiri, qerq, biża’ jew theddid;

4. “Salvi eċċezzjonjiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

5. “B’riferenza għall kull paragrafu tar-rikors ġuramentat, imbagħad, l-esponenti għandhom is-segwenti x’jirrelevaw:

(a) “Illi għar-rigward il-kontenut mill-ewwel sat-tielet paragrafi tar-rikors ġuramentat dawn mhumiex kontestati għax jikkontjenu informazzjoni li toħroġ mill-*iter* proċesswali tal-kawża rikors ġuramentat numru 145/2006 PC fl-ismijiet Giuseppe Mizzi vs Martin Debrincat;

(b) “Illi r-raba’ paragrafu huwa kontestat. Dak li wassal għal din il-kawża kien is-segwenti. In segwitu għall-affidavit ta’ Giuseppe Mizi fejn dan iddikjara li huwa ma riedx iktar ikompli bil-kawża 145/2006 PC, l-esponenti talbu li jiġu awtorizzati li jippreżentaw eċċezzjoni ulterjuri fis-sens li l-eredi ta’ Guzepp Mizzi ma kienx għad baqagħlhom l-interess ġuridiku neċessarju biek ikomplu bil-kawża. Din l-awtorizzazzjoni kienet ingħatat bid-digriet tat-22 ta’ April 2010 u l-esponenti ippreżentaw risposta ġuramentata ulterjuri. Fil-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Ġunju 2010 (Kopja annessa bħala **Dokument A**), **u bi qbil bejn il-partijiet**, l-kawża kienet ġiet differita għas-sentenza preliminari fuq l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta’ interess ġuridiku tal-atturi peress li kull parti ma kellhiex provi x’jinġabu fuq din l-eċċezzjoni. L-esponenti kienu anke ppreżentaw nota ta’ riferenzi. Sussegwentement fit-22 ta’ Settembru 2010 fl-atti tal-kawża 145/2006 ġie preżentat rikors mill-atturi (li huma wkoll l-atturi fil-

kawża odjerna) (Kopja tar-rikors annessa bħala **Dokument B** u kopja tar-risposta relattiva għal dan ir-rikors annessa bħala **Dokument C**) fejn talbu lill-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza fuq l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku tar-rikorrenti odjerni u tawtorizzahom iressqu l-provi tagħhom b'rabta ma' din l-eċċezzjoni. B'digriet tas-7 ta' Ottubru 2010 (Kopja annessa bħala **Dokument D**) il-Qorti kienet ċaħdet din it-talba għar-raġuni li fil-verbal tal-kawża tas-17 ta' Ġunju 2010 il-kawża tħalliet għas-sentenza fuq talba tal-legali stess tal-kontendenti. Per konsegwenza ġiet għalhekk preżentata l-kawża odjerna;

(c) "Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.

"Rat l-atti u dokumenti kollha tal-kawża.

"Rat l-atti tal-kawża: Rikors Ġuramentat Numru 145/2006 fl-ismijiet "Giuseppe Mizzi vs Martin Debrincat," pendenti quddiem din il-Qorti, kif ippresjeduta, u dan billi permezz tad-digriet tagħha tal-14 ta' Novembru 2013[1] ordnat li l-provi miġbura f'dik il-kawża kellhom jgħoddu wkoll għall-kawża presenti.

"Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

"Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

"Ikkunsidrat:

"Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jikkontestaw il-veraċita' ta' affidavit rilaxxjat minn Giuseppe Mizzi minħabba allegat vizzju fil-kunsens.[2] Dan l-affidavit kien ġie ppresentat mill-konvenuti f'kawża oħra li Giuseppe Mizzi kien istitwixxa kontrihom biex jattaka kuntratt li permezz tiegħu huwa kien begħlhom il-beni mmobbli kollha tiegħu għall-prezz ta' wieħed u għoxrin elf lira maltija (Lm21,000).[3] L-affidavit kien sar waqt l-aħħar marda ta' Mizzi meta huwa kien jinsab rikoverat l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, u fih jistqarr li ma riedx li dik il-kawża titwaqqaf.

"Preliminarjament il-konvenuti eċċepew li l-atturi qatt ma setgħu jipproċedu b'din il-kawża minħabba li l-kwistjoni sollevata hija anċillari għall-kwistjoni li qed tiġi eżaminata minn din il-Qorti stess f'kawża oħra li għadha pendenti.[4] Jidher għalhekk li qed tiġi eċċepita l-*litis pendentia.* Biex tirnexxi eċċezzjoni bħal din irid ikun hemm fiż-żewġ kawżi, l-istess *res, personae* u *causa*.[5] Imma hawnhekk, għalkemm hemm involuti l-

---

[1] Ara digriet a fol.134 tal-process
[2] Ara kopja awtentikata ta' dan l-affidavit esebita fl-atti tal-kawża nru. 145/2006 a fol. 199
[3] Ara kopja ta' dan il-kuntratt esebita bħala Dok.B a fol.8 – 13 tal-istess kawża
[4] Il-konvenuti qed jirreferu għall-kawża nru.145/2006
[5] Qorti tal-Kummerc: Anatoli Reznikov et vs Nikolai A. Kotivov pro et noe.:24.03.1994; kollez. Vol.LXXVIII.iv.174

istess partijiet, għax l-atturi presenti istitwew din il-kawża fil-vesti tagħhom ta' eredi ta' Giuseppe Mizzi, il-kawża preċedenti, kif ingħad titratta kuntratt, u din tirrigwarda l-validita' ta' affidavit. Din l-eċċezzjoni għalhekk ma tistax tirnexxi.

"It-tieni eċċezzjoni preliminari hija relatata. Il-konvenuti jikkontendu li l-atturi għamlu din il-kawża, għax il-Qorti fil-kawża l-oħra kienet ċaħditilhom it-talba tagħhom biex iresqqu provi dwar dan l-affidavit, wara li l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza fuq in-nuqqas ta' interess ġuridiku. Imma b'daqshekk ma kien hemm xejn xi jżomm lill-atturi milli jistitwixxu din il-kawża, kif fil-fatt għamlu, biex jimpunjaw dan l-affidavit li ġie ppresentat mill-konvenuti fil-mori tal-kawża l-oħra. Kif tajjeb qalu l-atturi fil-premessi tagħhom tar-Rikors ġuramentat odjern, dan ma setgħux jagħmluh f'dik il-kawża, billi l-kawża tiġi deċiża a bażi tat-talbiet li ma jinbidlux tul il-perkors tagħha. Din l-eċċezzjoni ser tigi ukoll għalhekk miċħuda.

"Niġu issa għall-mertu. L-artikolu 974 tal-Kodiċi Ċivili jistipula:

> "**Jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball , jew meħud bi vjolenza, jew b'egħmil doluż, ma jkunx jiswa**."

"Għalkemm l-atturi fir-Rikors Ġuramentat tagħhom jallegaw li dan l-affidavit ġie prokurat permezz ta' raġġiri, qerq, biża', theddid u mezzi llegali oħra, jidher mill-provi li qegħdin jikkonċentraw fuq il-qerq li allegatament ġie adoperat mill-konvenut biex Mizzi għamel tali dikjarazzjoni. L-artikolu 981(1) tal-Kap.16 jispeċifika li:

> "**L-egħmil doluż huwa motiv ta' nullita' tal-ftehim meta l-inganni magħmula minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta**."

"Kif jgħid **Chardon**: "*Il dolo e' l'arte d'ingannare la persona che taluno vuole spogliare della di lei sostanza*." [6]

"Fil-fehma tal-Qorti għal dan il-każ għandhom japplikaw il-prinċipji utilizzati sabiex jiġi impunjat testament, għax bħal fil-każ ta' testament, f'affidavit suppost illi min jagħmlu qed jesprimi liberament dak li jrid jgħid u m'hemmx parti oħra nvoluta, bid-differenza pero' li f'dan tal-aħħar dak li jkun tniżżel jiġi wkoll konfemat bil-ġurament. Terġa', fil-każ in eżami l-affidavit ġie redatt bl-assistenza ta' nutar u fil-presenza ta' tabib li kkonfema l-kapaċita' mentali tad-dikjarant.

"Kif insibu jingħad fis-sentenza fil-kawża "Vincent Cachia v Carmelo Cachia" (15.3.1957; Kollez XLI):

> "*F'każ fejn jiġi mpunjat testment għaliex dan sar fuq żegħil u/jew qerq tal-konvenuti li approfittaw ruħhom mill-istat mentali defiċjenti tat-testatur u/jew fuq pressjoni eżerċitata fuq it-testatur minn din il-*

[6] Trattato Del Dolo e Della Frode , 1835, vol.I pag.7

*premessa rettament interpretata, għandha titqies fis-sens illi t-testatur kien fi stat mentali debboli, u minħabba f'hekk il-pretiż żegħil u qerq da parti tal-konvenuti, u pressjoni da parti ta' ħaddiehor, kellhom l-effett li huwa, mingħajr ma ried, ġie kostrett jagħmel disposizzjonijet testamentarji mpunjati, li fuq dan il-motiv l-attur isostni li huma nulli u ta' ebda effett minħabba nuqqas jew vizzju tal-kunsens da parti tat-testatur."*

"Irriżulta mill-provi,[7] li n-nutar Silvio Hili u t-tabib Michael Refalo ġew avviċinati mill-konvenut li nfurmahom li Giuseppe Mizzi ried jagħmel affidavit fis-sens li xtaq iċedi l-kawża li kellu kontrih. In-nutar ġabar l-informazzjoni kollha li kellu bżonn sabiex jiġi redatt dan l-affidavit mingħand il-konvenut, u t-tabib akkumpanja lin-nutar sa l-isptar biex ikellmu lil Mizzi. Miegħu t-tabib ħa formula ppreparata minn qabel biex issir id-dikjarazzjoni tal-istat tajjeb mentali ta' min ikun ser jiddisponi minn ħwejjġu.[8] Wara li t-tabib fakkru bil-kawża li kien għamel kontra l-konvenut, saqsieh riedx ikompli bil-kawża u Mizzi qallu "le". Imbagħad Mizzi wieġbu "iva" għall-mistoqsija jekk riedx jiffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens.[9]

"Irid għalhekk jiġi nvestigat u deċiż jekk dak li sar permezz ta' dan l-affidavit kienx frott ta' **ingann**, jew aħjar dik li tissejjaħ fid-duttrina u ġurisprudenza bħala **kaptazjoni.** Din ir-raġuni għall-invalidita' ta' testment bħal kwalunkwe raġuni oħra ibbażata fuq il-frodi neċessarjament iġġib in-nullita' ta' l-att kontestat. Hekk insibu l-**Pacifici Mazzoni** jgħallem illi:

"*Il dolo e' causa di nullita' della disposizione testamnetaria, quando i raggiri sono stati tali, che il testatore senza di essi non avrebbe disposto. Nulla rileva che cotesti raggiri siansi usati dall'erede, o da un terzo, anche all'insaputa del medesimo; perocche' trattandosi di disposizione gratuita, opera della sola volonta' del testatore, ogni causa che vizia questa, rende quella necessariamente invalida……La prova del dolo deve esser fatta da chi l'allega. Puo' provarlo anche col mezzo delle presunzioni; le presunzioni pero' qui, come altrove, e forse piu' che altrove, per essere concludenti debbono essere gravi, precise e concordanti; sebbene manchi principio di prova per iscritto. E cio' e' vero, anche se trattisi di testamento pubblico, in cui sia dichiarato che il testatore lo ha fatto con piena convinzione e spontaneita'*. " [10]

"L-istess ġurista imsemmi hawn fuq jgħallem f'dan ir-rigward illi:

"*L'espressioni captazione e suggestione in qualche guisa consacrata dallo stile del foro, vi hanno un significato un poco differente dal loro senso ordinario. … Secondo il nostro gius,… la captazione non e' un motivo di far annullare i testamenti, se non in quanto vi si attacca l'idea del dolo; ed e' per questo che si pongon sempre assieme le due parole*

[7] Ara deposizzjoni tan-Nutar Silvio Hili a fol. 120 – 123, u dik tat-tabib Michael Refalo a fol. 34 - 41
[8] Ara certifikat tiegħu a fol. 198 tal-kawża nru.145/2006
[9] Ara xhieda tat-tabib Refalo a fol. 35
[10] Istituzioni di Diritto Civile Italiano; 3a ed.,Firenze 1889,para.70

> *captazione e suggestione, le quali reunite esprimono la rea influenza esercitata sopra il testatore per suggerirgli, col mezzo di raggiri fraudolenti, disposizioni contrarie alla sua propria volonta.'*
>
> "*…Di qualunqe sorte sieno i mezzi impiegati verso il testatore per ottenere benficii da lui, come sarebbero le solecitazioni, le premure di servirlo, le carezze, in una parola, gli stratagemmi senza numero che l'avidita' e la vilta' pongono pur torpo in opra*;" [11]

"Similment ifisser il-**Laurant**:

> "*Da cio' segue che la prova della captazione e della suggestione non e' ammissibile che per quei fatti che si vogliono far risultare come improntati al dolo. La captazione non e' dunque una causa speciale che vizia gli atti a titolo gratuito; sono i raggiri dolosi adoperati presso il testatore per sorprendere le sue ultime volonta'. Bisogna per conseguenza dimandare la nullita' non per captazione o suggestione, ma per dolo, provando che il testamento non sia piu' la espressione della volonta' del de cuis, il quale, vittima dei raggiri fraudolenti da cui fu acciecato, ha fatto quello che non avrebbe voluto fare. La captazione e' dunque sopratutto una questione di fatto; il dolo non si presume, … e deve essere provato*." [12]

"Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami nsibu li :

1. "dan l-affidavit ġie redatt fl-10 ta' Ġunju 2009, waqt l-aħħar marda ta' Giuseppe Mizzi, meta kien qed jiġi ttrattat l-isptar għall-kundizzjoni gravi li kien qed ibati minnha. Dakinhar kellu mija u tnejn (102) deni.[13] Fil-fehma tal-ispeċjalista Dr. Robert Sciberras, li kien qed jikkurah: "*…għal dik l-eta' kienet għolja…*" [14] Huwa għalhekk ferm dubbjuż kemm persuna f'dik il-kondizzjoni tassew kellha volonta' ħielsa;

2. "huwa ferm stramb kif tħalla f'idejn it-tabib Refalo biex ifakkar lil Mizzi bil-kawża u jsaqsih jekk riedx iċediha, meta l-kompitu tiegħu suppost kien li jara jekk il-pazjent kienx *compos mentis* biżżejjed biex jagħmel dak l-affidavit; wieħed f'dan il-kuntest irid japprezza wkoll li pazjent f'dik il-kondizzjoni ha jkollu ċerta suġġezzjoni minn tabib li huwa kien imdorri jara jdur fis-swali tal-isptar kemm kien ilu rikoverat.[15]

3. "in-Nutar Hili mar ippreparat bl-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġi redatt il-kuntratt, kif kien tahielu Debrincat; ma kien hemm xejn li tniżżel fl-affidavit in kwistjoni li ħareġ direttament minn fomm il-pazjent, għajr il-kliem "le" u "iva," u żgur li dan ma setgħax ikun mod ieħor għax mhux mistenni li persuna f'dik il-kondizzjoni ta' saħħa ser tiftakar id-dettalji kollha mniżżla fl-affidavit;

---

[11] M.Chardon op.cit. pag.212 - 213

[12] Principii di Diritto Civile, vol.XI, para.133

[13] Ara deposizzjoni tat-tabiba Nathalie Gatt Ellis, li kienet qed tixhed fuq dak li rriuzlta mill-file mediku tal-pazjent; a fol. 55

[14] Ara deposizzjoni tiegħu a fol.71

[15] Kien gia ilu hmistax il-gurnata l-isptar (ara xhieda ta' Dr.Gatt Ellis a fol.54)

4. “għaxart ijiem biss qabel, Mizzi kien għamel l-aħħar testment tiegħu fejn, wara li nnomina lill-atturi presenti eredi universali tiegħu, ddikjara illi: “.. *irid u jordna li l-imsemmi Michael Mizzi għandu wara l-mewt tat-testatur d-dmir li jkompli għaddej bil-Kawża istitwita mit-testatur kontra Martin Debrincat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) Superjuri Ċivili.*”[16] Possibbli li Mizzi biddel fehmtu hekk malajr?

5. “din il-Qorti kellha l-opportunita’ tisma’ lil Giuseppe Mizzi jixhed quddiemha, u setgħet tosserva d-determinazzjoni tiegħu biex jaqa’ l-kuntratt li bih kien ittrasferixa il-beni mmobbli tiegħu lill-konvenuti. Infatti meta l-legali tal-konvenut saqsieh speċifikament għaliex ried jiftah il-kawża, Mizzi wieġeb bla tlaqlieq: “*Allura kif mela? Mela kif ħa niġbor ħwejġi, la darba ħwejġi ħadhieli dak*? (b’referenza għall-konvenut).[17]

6. “qatt ma ġie spjegat kif Mizzi kien wassal il-fehma tiegħu lil Debrincat li huwa ried iċedi l-kawża li kellu kontrih. Il-konvenuti baqgħu qatt ma xehdu, la f’din il-kawża u lanqas f’dik konnessa;

7. “dan l-affidavit ġie ppresentat fl-atti tal-kawża numru 145/2006 erba’ xhur u nofs wara li kien miet Giuseppe Mizzi, meta allura ma kienx għad baqa’ l-opportunita’ li jiġi konto-eżaminat dwaru; wieħed jistaqsi għaliex intgħazlet din il-proċedura minflok ma saret talba għall-ħatra ta’ assistent ġudizzjarju sabiex jieħu hu d-deposizzjoni ta’ Mizzi fl-isptar u fil-presenza tal-kontroparti u d-difensuri rispettivi, ġialdarba saret magħrufa l-allegata rieda tiegħu li jwaqqaf il-kawża?

“F’dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tistax tkun moralment konvinta li Giuseppe Mizzi tassew wera l-volonta’ ħielsa tiegħu fl-affidavit in kwistjoni. Anzi hija tal-fehma li kienet il-kaptazzjoni qarrieqa użata mill-konvenut permezz tat-tabib Refalo li wasslitu biex jiffirma l-affidavit ippreparat min-nutar Hili. Għaldaqstant it-talba attriċi għandha tintlaqa’.

“Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża, billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa’ t-talba attriċi u tiddikjara u tiddeċidi li l-affidavit datat l-10 ta’ Ġunju 2009 magħmul minn Giuseppe Mizzi huwa inveritier għax ma jirriflettix il-volonta’ tiegħu billi ġie prokurat permezz ta’ qerq adoperat mill-konvenut.

“Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti”.

[16] Ara kopja awtentika tat-testment ta’ Giuseppe Mizzi tal-31.05.2009, esebita bħala Dok.SM 2a fol. 193 tal-kawża nru.145/2006
[17] Ara deposizzjoni ta’ Giuseppe Mizzi a fol. 95 tal-kawża 145/2006

**<u>Rikors tal-appell tal-konvenuti (31.10.2014):</u>**

3. Il-konvenuti ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha. L-aggravji tagħhom huma s-segwenti:

(i) **<u>L-ewwel aggravju</u>** – "*l-ewwel Qorti injorat għal kollox il-fatt li l-atturi appellati kellhom rimedji oħra a dispożizzjoni tagħhom biex jattakkaw id-digriet tas-07.10.2010 fil-kawża 145/2006*"

Il-konvenuti appellanti isostnu li l-kawża odjerna saret inutilment għaliex kellhom rimedji oħra biex jattakkaw id-digriet tas-07.10.2010, senjatament ai termini tal-Artikolu 229(3) tal-Kap 12. Għalhekk isostnu li irrispettivament mill-eżitu ta' din il-kawża, m'għandhom ibatu l-ebda spejjeż.

(ii) **<u>It-tieni aggravju</u>** - "*id-dikjarazzjoni tal-ewwel Qorti li l-affidavit ta' Giuseppe Mizzi ma kienx jirrifletti l-volonta` tiegħu, anzi kien riżultat tal-kaptazzjoni qarrieqa użata mill-appellanti tramite t-tabib Michael Refalo hija għal kollox skorretta u ma tirriżultax mill-atti*"

Il-konvenuti appellanti jsostnu li huma prinċipji legali risaputi illi:

- biex il-kaptazzjoni twassal għall-annullament ta' xi att, jeħtieġ li tkun akkumpanjata mid-dolo jew ingann;

- id-dolo qatt ma jista' jiġi preżunt iżda jrid jiġi ppruvat minn min jallegah; u

- mhux kwalunkwe ingann jammonta għad-dolo, iżda jrid ikun tali ma jħallix lill-individwu inkwistjoni il-kuxjenza ta' dak li kien qed jagħmel u l-indipendenza tal-kunsens tiegħu, u tali ukoll li mingħajru ma kienx jagħmel dak l-att.

Jargumentaw illi fid-dawl ta' dawn il-prinċipji l-ewwel Qorti ma kellhiex tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Jargumentaw illi l-veraċita` o meno tal-affidavit inkwistjoni ma setgħetx tiġi riżolta bis-sempliċi konvinċiment morali tal-qorti, iżda kellha tirriżulta minn elementi ċari.

F'dan ir-rigward jagħmlu s-segwenti konsiderazzjonijiet:

(i) Għalkemm l-ewwel Qorti qieset li ġiet użata kaptazzjoni qarrieqa mill-appellant permezz tat-tabib Michael Refalo, li allegatament wasslet lil Giuseppe Mizzi biex jiffirma l-affidavit, l-ewwel Qorti fl-ebda mument ma speċifikat x' kienu l-mezzi qarrieqa jew l-ingann li ġie operat mit-tabib.

(ii) Il-fatt li Giuseppe Mizzi kellu d-deni bl-ebda mod ma jaffettwa l-fakultajiet mentali tiegħu, jew b'xi mod irrendih dgħajjef b'mod li seta' jiġi manipulat.

(iii) L-appellant Martin Debrincat lanqas biss kien preżenti meta sar l-affidavit, għalhek għandha tiġi eleminata kull possibbilita` li huwa seta' b'xi mod, anke minimu, ħalla impatt jew affettwa l-volonta` ta' Giuseppe Mizzi.

(iv) Għalkemm tipprova tingħata l-impressjoni li kien hemm xi dewmien partikolari biex jiġi ppreżentat l-affidavit, dan fil-fatt ġie ppreżentat f'Ottubru 2009, cioe fl-ewwel seduta tal-kawża 145/2006 li inżammet wara li kien sar l-affidavit f'Ġunju 2009.

(v) In-nutar Silvio Hili u t-Tabib Michael Refalo bl-ebda mod ma kienu ser jibbenefikaw bid-dikjarazzjoni ġuramentata li għamel Giuseppe Mizzi.

(vi) Għalkemm l-ewwel Qorti għamlet riferenza għad-determinazzjoni li biha xehed quddiemha Giuseppe Mizzi fil-kawża 145/2006 u tagħti l-impressjoni li x-xhieda kienet ċara u inekwivoka, l-istess Mizzi ħawwad ħafna fid-depożizzjoni tiegħu u kien hemm partijiet minnha fejn ma kienx ċar f'dak li kien qed jgħid. L-ewwel Qorti injorat punti kardinali li kienu effettivament jikkonfermaw li Giuseppe Mizzi kien konxju li sar il-kuntratt

mal-appellanti, ħaġa li huwa jikkonferma fl-affidavit tiegħu. Il-punti li ma ingħatawx id-debita kunsiderazzjoni kienu s-segwenti:

(a) L-espert kaligrafu kkonferma li l-firem ta' Giuseppe Mizzi, kull fejn jidhru, huma ġenwini.

(b) In-nutar Pierre Falzon xehed kif biex sar il-kuntratt tat-30.04.2005 kienu saru numru ta' laqgħat u kien kellem direttament lil Giuseppe Mizzi dwar dak li xtaq.

(c) Meta sar il-kuntratt ta' bejgħ, Giuseppe Mizzi, minkejja li kien imdaħħal fl-eta`, ġie ċċertifikat mit-tabib Anton Mifsud bħala li kellu l-kapaċita` mentali.

(d) It-tabib Anton Falzon – li kien preżenti għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt mill-bidu sal-aħħar – iċċertifika l-kapaċita` mentali ta' Giuseppe Mizzi qabel ma sar il-kuntratt.

(e) Għalkemm l-ewwel Qorti ikkwotat b'awtorita` dak li iddikjara Mizzi fit-testment tiegħu, u cioe` li ried ikompli bil-kawża kontra Martin Debrincat, u staqsiet kif seta' biddel fehmtu daqshekk malajr, l-istess qorti ma rat xejn stramb bil-fatt li t-testment sar f'nofs il-lejl u kwart, u li ċ-ċertifikat tat-tabib kien dattilografat u għalhekk żgur ippreparat qabel it-

testment. Injorat ukoll il-fatt li Giuseppe Mizzi possibilment seta' kellu d-deni meta sar it-testment, aktar u aktar meta Dr Robert Sciberras stqarr li d-deni kien tiela' u nieżel minħabba infezzjonijiet li kellu Giuseppe Mizzi.

(f) Għalkemm l-ewwel Qorti kkonkludiet li Giuseppe Mizzi ma kienx ser jiftakar id-dettalji imniżżla fl-affidavit inkwistjoni, injorat il-fatt li kien diġa ppreżenta affidavit dettaljatissimu fil-kawża 145/2006.

**Risposta tal-appell tal-atturi appellati (02.012.2014):**

4. L-atturi appellati wieġbu biex jgħidu li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

**L-affidavit inkwistjoni:**

5. L-affidavit ta' Giuseppe Mizzi mertu ta' din il-kawża jaqra hekk (sottolinear ta' din il-qorti):

> *"Illum, għaxra (10) ta' Ġunju tas-sena elfejn u disa' (2009):*
>
> "*Jiena, Ġużepp Mizzi, bin Mickelangelo u Rosaria nee Micallef, imwieled Għarb, Għawdex, u residenti Għarb, Għawdex, iżda bħalilssa rikoverat fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, karta tal-identita` numru 43229(G) niddikjara u nikkonferma bil-ġurament illi jiena għamilt kawża kontra Martinu Debrincat, liema kawża ġġib in-numru 145/2006/PC. Jiena nixtieq u nordna illi din il-kawża kontra Martinu Debrincat titwaqqaf. Għalhekk jiena irrid inċedi u nirrinunzja għal din il-kawża.[18] Jiena fil-fatt għamilt kuntratt quddiem in-nutar Pierre Falzon fit-30 ta' April 2005 li bih biegħejt lil Martin Debrincat numru ta' proprjetajiet u preżenti kien hemm ukoll it-tabib Anton Mifsud. Preżenti bħala xhud waqt dan l-affidavit hawn it-tabib Michael Refalo, bin Louis u Felicia nee Gauci, imwieled Pieta`, Malta, u residenti Victoria, Għawdex, karta tal-identita` numru 338565(M).*

[18] sottolinear ta' din il-qorti

> "*Iffirmat bil-ġurament fil-preżenza tiegħi, in-nutar sottofirmat wara li vverifikajt l-identita` ta' Ġużepp Mizzi. Illum 10/06/2009.*
> *(Nutar Silvio Hili)*
> *Nutar Pubbliku Malta*".

**Kronoloġija ta' fatti**

6. Biex wieħed jifhem aħjar il-vertenza odjerna u jkollu stampa holistika tal-fatti huwa utli li tiġi elenkata s-segwenti kronoloġija:

**03.04.2005** Kuntratt ta' fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Falzon li permezz tiegħu Giuseppe Mizzi biegħ lil Martin Debrincat il-beni immobbli kollha tiegħu għall-prezz ta' Lm21,000.

**19.12.2006** Giuseppe Mizzi fetaħ kawża kontra Martin Debrincat **"***Giuseppe Mizzi vs Martin Debrincat*" (145/2006/PC) fejn talab li l-kuntratt ta' bejgħ tat-03.04.2005 jiġi dikjarat null billi huwa qatt ma resaq għalih, u konsegwentement jiġi rexiss.

**26.05.2009** Giuseppe Mizzi daħal l-isptar ġenerali ta' Għawdex.

**31.05.2009** Testment fl-atti tan-Nutar Dr Enzo Dimech li permezz tiegħu Giuseppe Mizzi ħalla lill-atturi Michael, Sina u Jacob Mizzi, eredi universali tiegħu u iddikjara illi:

> "*…irid u jordna li l-imsemmi Michael Mizzi għandu wara l-mewt tat-testatur id-dmir li jkompli għaddej bil-kawża istitwita mit-testatur kontra*

*Martin Debrincat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri Ċivili*".

**10.06.2009** Giuseppe Mizzi għamel affidavit waqt li kien fl-isptar ġenerali ta' Għawdex, fejn iddikjara li ried iċedi il-kawża 145/2006/PC li kien fetaħ kontra Martin Debrincat.

**10.07.2009** Giuseppe Mizzi miet l-isptar ġenerali ta' Għawdex.

**06.10.2009** Martin Debrincat fis-seduta tal-qorti rigwardanti l-kawża 145/2006/PC ivverbalizza li għandu fil-pussess tiegħu l-affidavit tal-Giuseppe Mizzi.

**29.10.2009** Martin Debrincat fil-kawża 145/2006/PC esebixxa l-imsemmi affidavit.

**29.10.2009** Martin Debrincat fil-kawża 145/2006/PC ippreżenta rikors fejn talab biex jippreżenta risposta ġuramentata ulterjuri biex (fid-dawl tal-affidavit) jeċċepixxi in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-atturi.

**22.04.2010** Il-Qorti fil-kawża 145/2006/PC laqgħet it-talba ta' Martin Debrincat biex jippreżenta risposta ġuramentata ulterjuri, b'dan pero` li l-atturi jkollhom l-opportunita` li jressqu l-provi tagħhom dwar din l-eċċezzjoni.

**10.05.2010** Martin Debrincat fil-kawża 145/2006/PC ippreżenta ir-risposta ġuramentata ulterjuri fejn eċċepixxa in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-atturi.

**17.06.2010** Fil-kawża 145/2006/PC ġie verbalizzat li:

> "*Id-difensuri tal-partijiet talbu sentenza fuq l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku.*
>
> "*Kawża differit għas-sentenza in parti, għat-2 ta' Diċembru 2010 bil-fakolta` li jsiru noti*".

**22.09.2010** Rikors tal-atturi fil-kawża 145/2006/PC fejn talbu ls-sospenzjoni tas-sentenza parzjali stante li ma ressqux provi fir-rigward tal-eċċezzjoni ulterjuri tan-nuqqas ta' interess ġuridiku.

**07.10.2010** Il-Qorti fil-kawża 145/2006/PC ċaħdet ir-rikors għaliex irriżultalha li d-difensuri kienu qablu li l-kawża kellha tmur għas-sentenza.

**11.11.2010** L-atturi Michael, Sina u Jacob intvolaw il-proċeduri odjerni (94/2010/PC) fejn talbu li l-affidavit jiġi dikjarat inveritier u li ma jirriflettix il-volonta` ta' Giuseppe Mizzi għaliex prokurat permezz ta' raġġiri, qerq, biża', theddid u mezzi illegali oħra, oltre li l-istess Giuseppe Mizzi ma kienx f'pożizzjoni li jagħmel affidavit.

<u>**Xhieda**</u> (relatati mal-jum/ perjodu meta sar l-affidavit tat-10 ta' Ġunju 2009):

7. **<u>In-Nutar Silvio Hili</u>** fix-xhieda tiegħu tat-30 ta' April 2013[19] xehed dwar l-affidavit tal-10 ta' Ġunju 2009 mertu ta' din il-kawża. Qal li Martin Debrincat kien avviċinah u qallu li kien hemm ċertu Mizzi li ried ineħħu xi kawżi li kellu miegħu, u għalhekk hu kien mar l-isptar għal dan l-effett. Qal li lil Mizzi qatt ma kien iltaqa' miegħu qabel: ma kienx klijent tiegħu u qatt ma kien raħ qabel. Qal li Mizzi ma ddettalu xejn: qallu li ried ineħħi l-kawżi. Mistoqsi dwar l-istat ta' saħħa ta' Mizzi, wieġeb li kien irqiq ħafna u fiżikament batut, pero` mentalment kien tajjeb. Qal li kien sodisfatt li dak li kiteb kien dak li Mizzi ried jgħid. Qal li Martin Debrincat ma kienx preżenti. Żied jgħid li t-tabib Michael Refalo kien iċċertifikah fi stat mentali tajjeb u kien preżenti il-ħin kollu waqt l-affidavit. Spjega li ċ-ċertifikat ma kienx diġa lest, iżda mingħalih li t-tabib għamlu hemmhekk.

8. **<u>It-tabiba Nathalie Gatt Ellis</u>** (in rappreżentanza tas-superintendenttal-isptar ġenerali ta' Għawdex) fix-xhieda tagħha tal-24 ta' Marzu 2011[20] qalet li Giuseppe Mizzi <u>ddaħħal l-isptar fis-26 ta' Mejju 2009 u miet fl-10 ta' Lulju 2009.</u> Qalet li kellu "*essential thrombocythemia*" li hija tip ta' kanċer tad-demm u anke kellu xi infezzjoni f'ġismu. Qalet li kien "*weak*" ħafna u spiss kien ikollu d-deni. Qalet li fl-10 ta' Ġunju 2009 (cioe` dakinhar li sar l-affidavit) kellu mija u tnejn (102) deni. Qalet li dwar saħħa mentali ma kien hemm l-ebda notament fil-file tal-isptar tiegħu.

[19] Fol 120
[20] Fol 53 et seq

9. **<u>It-tabib Robert Sciberras</u>** (it-tabib kuranti ta' Giuseppe Mizzi fl-isptar ġenerali ta' Għawdex) fix-xhieda tiegħu tat-2 ta Ġunju 2011[21] qal Giuseppe Mizzi kellu kundizzjoni jisimha "*essential thrombocytosis*". Qal li miet bi pneumonia pero` kienet aggravata bil-problemi tad-demm li kellu. Qal li kellu deni tiela' u nieżel minħabba li kellu infezzjonijiet, iżda qal ukoll li l-"*essential thrombocytosis*" billi taffettwa l-mudullum tista' wkoll tikkaġuna deni. Qal li id-deni kien jitla' bejn disgħa u disgħi (99) u mija u wieħed (101), li għall-eta` ta' Giuseppe Mizzi kienet għolja. Mistoqsi dwar l-istat mentali tiegħu qal li fil-file ma kien hemm l-ebda entry f'dan ir-rigward u għalhekk qal li jassumi li ma kienx hemm episodji ta' konfużjoni. Qal li l-pazjent kellu ħafna problemi, iżda konfużjoni ma jidhrilux li kellu.

10. **<u>It-tabib Dr Michael Refalo</u>** fix-xhieda tiegħu tal-24 ta' Marzu 2011[22] ġie mistoqsi dwar iċ-ċertifikat mediku li għamel dwar Giuseppe Mizzi fit-<u>10 ta' Ġunju 2009</u> (cioe` dakinhar li l-istess Giuseppe Mizzi għamel l-affidavit inkwistjoni). Iċ-ċertifikat jaqra hekk:

> "*…..I certify that I examined the abovementioned person, and found him to be in a good state of mental health. He is not suffering from an impairment of judgment and reasoning, and is thus in full possession of his….mental faculties…*".

Spjega li kien jaf lil Giuseppe Mizzi mill-isptar fejn kien rikoverat bħala pazjent dak iż-żmien. Qal li kien avviċinah il-konvenut Martin Debrincat u

[21] Fol 69 et seq
[22] Fol 34 et seq

talbu biex jara jekk dan Giuseppe Mizzi kienx tajjeb jew le biex jiffirma quddiem nutar u jgħid jekk iridx jew le ikompli f'kawża partikolari. Qal li kien staqsa lil Giuseppe Mizzi jekk jafx lil Martin Debrincat u hu wieġbu fl-affermattiv u qallu li għamel "*ħafna business*" miegħu. Qal li kien aċċennalu għall-kawża dwar il-kuntratt ta' bejgħ u staqsieh jekk kienx ried ikompli biha. Qal li kien wieġbu "*le*". Qal li kien staqsih jekk kienx lest jiffirma li ma xtaqx ikompli bil-kawża u kien wieġbu "*iva, lest".* Qal li kien wasal għall-konklużjoni li indika fiċ-ċertifikat, liema ċertifikat irrilaxxjah mumenti qabel ma sar l-affidavit. Spjega li l-affidavit inkiteb dak il-ħin stess, u hu baqa' hemm man-Nutar u anke ffirma l-affidavit bħala xhud.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-ewwel aggravju

11. Il-konvenuti appellanti jargumentaw li wara li fil-kawża 145/2006/PC ir-rikors tal-atturi biex tiġi sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza parzjali (sabiex iressqu l-provi tagħhom fir-rigward tal-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-atturi fid-dawl tal-affidavit esebit minnu) ġie miċħud fis-7 ta' Ottubru 2010, huma kellhom rimedju ieħor, senjatament li jappellaw minn tali digriet ai termini tal-Artikolu 229(3) tal-Kap 12. Għalhekk isostnu li indipendentement mill-eżitu ta' din il-kawża odjerna (94/2010/PC) m'għandhomx ibatu spejjeż.

12. Kif irriteniet ben tajjeb l-ewwel Qorti, pero`, l-atturi ma setgħux impunjaw l-affidavit inkwistjoni f'dik il-kawża (anke jekk l-affidavit ġie ppreżentat fil-mori ta' dik il-kawża) għaliex kawża tiġi deċiża abbażi tat-talbiet, u dawn ma setgħux jinbidlu jew jiżdiedu. Għalhekk bil-fors li biex jimpunjaw l-affidavit kellhom jagħmlu kawża separata.

<u>It-tieni aggravju</u>

13. L-ewwel Qorti wara li eżaminat l-atti tal-kawża oderjna kif ukoll dawk tal-kawża l-oħra (145/2006/PC) stqarret li ma setgħetx tkun moralment konvinta li Giuseppe Mizzi tassew wera l-<u>volonta` ħielsa tiegħu</u> fl-affidavit inkwistjoni. Anzi qalet li kienet tal-fehma li kienet il-"*kaptazzjoni qarrieqa użata mill-konvenut permezz tat-tabib Refalo li wasslitu biex jiffirma l-affidavit ippreparat min-Nutar Hili*".

14. Il-konvenuti appellanti bażikament jargumentaw li tali "*kaptazzjoni qarrieqa*" ma tirriżultax mill-provi, u jfakkru li l-element tad-*dolo* irid jirrriżulta pruvat minn min jallegah.

15. Din il-qorti wara li eżaminat il-provi miġbura, issib li jispikkaw ċertu ċirkostanzi, li neċessarjament iqajmu ċertu mistoqsijiet, senjatament is-segwenti:

- Kieku verament Mizzi kien minn rajh u bil-kunsens liberu tiegħu

iddeċieda li jċedi l-kawża[23], għaliex ma kkomunikax mal-avukat tal-fiduċja tiegħu stess u taħ struzzjonijiet biex iċedihielu?

- Kieku verament Mizzi kien minn rajh u bil-kunsens liberu tiegħu iddeċieda li jċedi l-kawża, u għal xi raġuni flok avviċina lill-avukat tiegħu biex iċedihielu, fettillu javviċina minflok lil Debrincat, għaliex allura Debrincat ma kkomunikax mal-avukat ta' Mizzi sabiex il-kawża tiġi ċeduta bil-proċedura normali? Għaliex minflok għażel li jsir dan l-affidavit? U *se mai*, għaliex (kif ikkummentat l-ewwel Qorti) Debrincat ma għamilx talba biex jiġi maħtur assistent ġudizzjarju biex id-depożizzjoni ta' Mizzi tittieħed l-isptar fil-preżenza tal-kontro-parti u d-difensuri rispettivi? Għaliex kien importanti għal Debrincat li l-affidavit isir *ad insaputa* tad-difensur ta' Mizzi?

- Wara li sar l-affidavit, għaliex Debrincat żammu mistur u ppreżentah erba' xhur wara (meta Mizzi kien laħaq miet)? Għaliex ma ppreżentahx fir-reġistru hekk kif sar?

16. Kif osservat l-ewwel Qorti, qatt ma ġie spjegat kif Mizzi kien ikkomunika ma' Debrincat biex jgħidlu bl-allegata bidla fil-fehma tiegħu (cioe` li ried iċedi l-kawża li kien għamel kontrih). Wisq anqas hemm provi dwar x' diskors għadda bejn Mizzi u Debrincat qabel ma Debrincat

[23] considerando li t-testment kien sar wara nofs il-lejl, u wkoll meta kien diġa marid ħafna

organizza l-affarijiet biex jiġi redatt l-affidavit inkwistjoni waqt li Mizzi kien qed imut bil-kanċer fl-isptar (cioe` biex it-tabib Refalo jagħmillu ċertifikat u biex in-nutar Hili jirrediegi l-affidavit).

17. Minkejja li ma saritx prova speċifika tad-*dolo* da parti ta' Debrincat (cioe` prova speċifika kif huwa inganna lil Mizzi biex dan wasal biex jagħmel id-dikjarazzjoni li għamel fl-affidavit), din il-qorti hija tal-fehma li iċ-ċirkostanzi tant suspettużi li fih sar l-affidavit, inkluż l-istat ferm vulnerabbli ta' Mizzi (bniedem marid bil-kanċer, u bl-infezzjonijiet f'ġismu, bla saħħa, bid-deni, tant li miet erba' ġimgħat wara), huma tali li adirittura jikkostitwixxu prova preżuntiva tad-*dolo* da parti tal-konvenut, u dan proprju għaliex neċessarjament jippresupponu attivita` kaptatorja da parti tiegħu. F'dan ir-rigward din il-qorti tagħmel riferenza għall-insenjament tal-Corte di Cassazione, fejn ġie ritenut li l-prova tal-kaptazzjoni tista' tkun preżuntiva, basta tkun ibbażata :

> "*….su fatti certi che consentano di identificare e ricostruire l'attività captatoria e la conseguente influenza determinante sul processo formativo della volontà del testatore"' (Cass. n. 824 del 2014; conf. Cass. n. 14011 del 2008, Cass. 6396 del 2003).*

18. Miċ-ċirkostanzi tal-każ, din il-qorti hija moralment konvinta li Debrincat uża mezzi qarrieqa biex ikkonvinċa lil Giuseppe Mizzi biex jagħmel l-affidavit inkwistjoni. Iċ-ċirkostanzi jitkellmu waħedhom: huma każ ta' "*res ipsa loquitur*". Konsegwentement din il-qorti tasal biex tikkonkludi li l-affidavit inkwistjoni, fejn Giuseppe Mizzi iddikjara li ried

iċedi l-kawża bin-numru 145/2006/PC kontra Martin Debrincat, ma jirriflettix il-volonta` ħielsa tal-istess Giuseppe Mizzi.

**Decide**

19. Għal dawn il-motivi din il-qorti ma ssib li għanda tiċċensura xejn mis-sentenza appellata, u għalhekk qegħda tiċħad l-appell u tikkonfermaha fl-intier tagħha.

20. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-konvenuti appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb